MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru. 7/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**V**

**ANTHONY FENECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY FENECH** ta' tmienja w ghoxrin sena bin George u Josephine nee Xuereb, imwieled Victoria, Ghawdex nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 1977 u residenti 'Fenech House', Triq Gleaneagles', Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 28377G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnax ta' Marzu 2005, ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar fi *track* tal-muturi f'Tax-Xhajma, limiti tan-Nadur, Ghawdex, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed

il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra jew li ggibilha disordni f’mohha u cioe kkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta’ Mario Vella mix-Xaghra, Ghawdex, skond kif iccertifika t-tabib Joseph Rapa mill-isptar Generali ta’ Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond l-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 jew 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta’ Marzu 2006 markat bhala dokument CSH [fol 7] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 11 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha ta’ Mejju 2006 **xehed Doctor Joseph Rapa** [fol 12] w ikkonferma li hu kien ezamina lil Mario Vella nhar t-tnax ta’ Marzu 2005 ghal habta tas-saghtejn u kwart ta’ wara nofsinhar fejn sab li kien qed isofri minn feriti li allegatament kien qala waqt glieda.

Spjega li kellu ferita fuq ix-xellug ta’ mohhu li kellha bzonn xi suturi. Kellu wkoll xi grif fuq in-naha tax-xellug ta’ ghonqu. Huwa ddeskriva l-feriti fil-wicc bhala gravi u fil-fatt effettivament l-ferita tista thalli sfregju. Huwa esibixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 13] w ikkonferma l-kontenut tieghu.

Illi nhar l-s-erbgha ta’ Mejju 2006 **xehed l-Ispettur Maurice Curmi** [fol 14] fejn qal li nhar t-tnax ta’ Marzu 2006 huwa kien gie nfurmat minn PS 1040 John Grima li kienet ghadha kemm sehhet glieda f’Tax-Xhajma, fit-*track*

tal-muturi fejn kien hemm persuna Mario Vella, li garrbet xi feriti gravi u li l-aggressur tieghu kien Anthony Fenech, l-imputat odjern.

Huwa ghalhekk kien baghat ghal imputat u dakinhar stess kien irrilaxxja stqarrija fejn stqarr li ghal habta tas-siegha w nofs ta' wara nofsinhar, huwa mar hdejn t-*track* tal-muturi f'Tax-Xhajma, biex jitkellem ma xi hadd u waqt li kien fi triqtu, gie Mario Vella, qabdu mill-flokk u sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tieghu, tah daqqa ta' ponn waqt li kellu mazz cwievet f'idejh u laqtu f'wiccu.

Huwa kellem wkoll lil kwerelat Mario Vella li qallu li fl'ebda hin ma kien kellem lil imputat, izda kien l-imputat li ghal xejn b'xejn, beda jaghtih.  Huwa esibixxa l-istqarrija tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument X [fol 16].

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 **xehed PS 1040 John Grima** [fol 18] u spjega kif nhar t-tnax ta' Marzu 2005, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, huwa kien qieghed l-ghassa tal-pulizija r-Rabat, Ghawdex u kienet marret certa Michelle Vella w irrappurtat li zewgha Mario Vella, kien habat ghalih imputat Anthony Fenech u li zewgha kien l-isptar ghal medikazzjoni.  Huwa ghalhekk mar l-isptar jitkellem ma Mario Vella u ma Doctor Joseph Rapa li rrilaxxjalu certifikat mediku li l-feriti li sofra Mario Vella, kienu ta' natura gravi [fol 21].

Huwa kkonferma li Mario Vella kien qallu li ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar, huwa kien fit-*track* tal-muturi f'Tax-Xhajma flimkien, ma Mario Vella, John Attard u huh Daniel jitkellmu fuq kif kienu ser isiru x-xogholjiet fuq t-*track* in kwistjoni.  F'xi hin, hass lil xi hadd jigbdu minn spalltu tal-lemin, dar, u sab lil imputat ma wiccu u tah daqqa ta' ponn b'xi haga iebsa f'idejh.  Xehed li hu nizzel dan il-kliem fl-okkorrenza li hu ha u li ppresenta fl-atti bhala dokument PS [fol 22].  Kompla jghid li shabu zammew lil Anthony Fenech milli jkompli jaghtih u mat-triq kompla jisfidah u jghid "*Ejja sibni, bully*" u kliem iehor baxx.

Huwa kellem wkoll lil Mario Borg u dan qallu li verament kien fit-*track* tal-muturi f'Tax-Xhajma u waqt li kien qed jitkellem ma Mario Vella, tfaccat persuna minn Ghajnsielem, li bdiet ixxejjer idejha u ntefghet fuq Mario Vella u hu mar biex jintervjeni.

Spjega li kellem wkoll lil Ganni Attard li qallu li ra lil Mario Vella jaqa mal-art u hu baqa jzomm lil din il-persuna minn Ghajnsielem. Ikkonferma li Mario Vella dak l-hin kellu d-demm hiereg minn ghajnejh.

Kellem wkoll lil ahwa John u Daniel Attard li wkoll ikkonfermaw kif l-imputat fid-daqqa w l-hin wasal hdejhom bil-vettura tieghu, nizel u qabad jaghti lil Mario Vella u jghidlu kliem li jixtieq isibu wahdu.

Illi nhar l-erbgha ta' Mejju 2006 **xehed Mario Vella** [fol 28] w ikkonferma dak li kien qal PS 1040 John Grima u cioe li l-imputat tah daqqiet ta' ponn f'wiccu wara li kien qabez fuqu minn wara kiesah u biered. Qal li huwa spicca b'xi punti f'wiccu u fil-fatt ippresenta sitt ritratti li jindikaw l-feriti li sofra dakinhar tal-incident liema ritratti gew mmarkati bhala dokumenti minn MV 1 sa MV 6. Qal li kienu shabu li qalghu lil imputat minn fuqu.

**Mario Borg, John Attard u Daniel Attard, xehdu** viva voce l-Qorti w ikkonfermaw dak li qal PS 1040 John Grima fix-xhieda tieghu u cioe kif effettivament kienet sehhet l-glieda u li kien l-imputat li qabad w aggredixxa lil Mario Vella ghal xejn b'xejn minn wara u li kien Mario Vella li spicca ferut f'wiccu.

**L-imputat ghazel li jixhed minn jeddu b'mod voluntarju** nhar l-ewwel ta' Gunju 2006 [fol 35] fejn qal li hu mar fit-*track* tal-muturi biex ikellem lil John Attard li kien cempillu ftit jiem qabel l-incident. Huwa cahad li aggredixxa lil Mario Vella izda qal li huwa baxxa rasu u meta ghＯlliha, sab lil Mario Vella li qabdu mill-flokk w ghalhekk, ghaliex <u>haseb</u> li Mario Vella kien ser jwegghu, xejjirlu daqqa ta' ponn. Huwa jghid li wara mar d-dar u flimkien ma missieru marru l-ghassa.

Fl-istqarrija li hu rrilaxxja [fol 16] nhar t-tnax ta’ Marzu 2005, l-imputat jghid li meta ta daqqa ta’ ponn li Mario Vella, kellu xi cwievet f’idejh w ghalhekk setgha laqtu bihom. Jghid pero li lil Mario Vella zammewh shabu filwaqt li certu Ganni Attard zamm lilu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tinnota li din il-versjoni tal-fatti kif moghtija nmill-imputat ma hija korroborata minn hadd, anzi hija kontradetta in toto mix-xhieda kollha li ressqet il-prosekuzzjoni.

Illi, din hi kawza tiddependi biss fuq l-kredibilita tax-xhieda u xejn aktar.

Il-Qorti thoss li l-versjoni tal-fatti kif spjegati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni hija aktar veritiera u ghandha hafna aktar mis-sewwa minn dik moghtija mill-imputat.

Ai fini ta’ piena, il-Qorti qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe li l-ferita in kwistjoni mhux wahda kbira.

Rat wkoll l-fedina penali tal-imputat li hija wahda li ghandha registrat fuqha reat wiehed biss li sehh fis-sena 2004 meta kien inghata ammonizzjoni mill-Qorti ghal kontravenzjoni ta’ ksur tal-paci pubblika w ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti thoss li ghandha timponi piena pekunjarja u mhux dik ta’ prigunerija.

**Ghalhekk, il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat ANTHONY FENECH hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn u hamsin lira maltin [LM250].**

**In oltre, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tobbliga lil imputat sabiex ma jimmolestax, ma jintimidax jew jingurja lil istess Mario Vella ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tinghata lil imputat wara li spjegatlu fi kliem car l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha u l-imputat ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------